# Il-Vara tal-Kunċizzjoni ta' Bormla

*Minn Sunny Aquilina*



Il-vara tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla hija tabilħaqq devota u għanja. Qabel din il-vara kien hemm tnejn oħra. L-ewwel statwa tinsab illum fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi u t-tieni waħda kienet intbagħtet Milan biex tinkesa bil-fidda. Il-vara kif nafuha llum saret fuq disinn tal-Artist Bormliż Abram Gatt meta flok inksiet saret mill-ġdid tal-fidda għand id-Ditta Ghezzi e filio ta' Milan. Dan sar għall-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari mill-Kardinal Domenico Ferrata, f'isem il-Papa qaddis San Piju X nhar il-25 ta' Ġunju, 1905. Is-santwarju tpitter mill-pittur Pietru Pawl Caruana fuq l-ispirazzjoni ta' Mons. Ludovic Mifsud Tommasi. Mill-vara ta' qabel, li kienet attribwita lis-Soru Maria de Domenicis, baqa' ir-ras, l-idejn, is-saqajn u s-serpent. Din l-istatwa hija tassew devota u għanja. Għandha wiċċ jiġbdek u huwa kemm regali kif ukoll umli. Tiġbed lejha lil kull min imur jitlob quddiema u hija wisq għal qalb il-Bormliżi. Minħabba l-biża' li l-knisja tiġġarraf kemm l-istatwa kif ukoll il-kwadru nkurunat ittieħdu Birkirkara matul il-gwerra. Saret wegħda li jekk il-knisja parrokkjali ma tiġġarrafx jittieħdu lura Bormla f'pellegrinaġġ. Il-knisja baqgħet wieqfa u nhar id-19 ta' Novembru, 1944 sar pellegrinaġġ kolossali bil-vara u l-kwadru b'eluf kbar ta' nies. Dan jidher minn ritratti li ttieħdu tal-istatwa fi Triq San Ġużepp il-Ħamrun. Il-pedestall huwa wkoll disinn ta' Abram Gatt. Il-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla ssir b'solennità kbira fil- jum tagħha, it-8 ta' Diċembru meta din il-vara toħroġ fil-purċissjoni mat-toroq ta' Bormla.

